MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-18 ta' April, 2013

Rikors Numru. 350/2012

**A B**
**vs**
**C B D**

**Il-Qorti,**

**Preambolu;**

Rat ir-rikors tal-attur li permezz tieghu talab li l-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet.

Rat li l-konvenuta debitament notifikata bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni baqghet ma pprezentatx risposta.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Mill-provi migbura jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewwgu fl-24 ta’ Awwissu 1985, u minn dan iz-zwieg kellhom sitt itfal li llum tlieta minnhom ghadhom minorenni;

Illi l-partijiet kienu sseparaw in forza ta’ kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Margaret Heywood fit-2 ta’ Marzu 2011 fuq liema kuntratt l-attur assuma l-kura u l-kustodja tal-wild komuni tal-partijiet. L-attur huwa unikament responsabbli ghall-manteniment tal-minuri imsemmi.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment

**Decide**.

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

Ghal dawn il-motivi, tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta’ bejn il-partijiet; u ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------